31972R0845

27.4.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 100/1

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 845/72 TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' April, 1972
li jistabbilixxi miżuri speċjali li jheġġu t-trobbija tad-dud tal-ħarir

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/681 ([1]) tat-28 ta' Ġunju, 1968 dwar organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċerti prodotti elenkati fl-Anness II tat-Trattat li jistabbilixxi miżuri li jirregolaw negozju f'dud tal-ħarir u bajd ta' dud tal-ħarir mingħajr, iżda, ma jipprovdu għal miżuri ta' appoġġ fil-Komunità; billi t-trobbija ta' dud tal-ħarir hija ta' ċerta importanza għall-ekonomiji ta' ċerti reġjuni tal-Komunità; billi din l-attività hija sors ta' dħul addizzjonali għal bdiewa f'dawk ir-reġjuni; billi għalhekk għandhom ikunu adottati miżuri biex jgħinu jiżguraw dħul ġust għal min irabbi d-dud tal-ħarir;

Billi, għal dik il-fini, għandha ssir dispożizzjoni għal miżuri biex jiffaċilitaw l-aġġustament ta' provvista għall-ħteġijiet tas-suq, u għandha tingħata għajnuna li tieħu post l-għajnuniet nazzjonali kollha għat-trobbija tad-dud tal-ħarir; billi, fid-dawl ta' karatteristiċi fit-tkabbir ta' dud tal-ħarir, din l-għajnuna għandha tieħu forma ta' somma fissa għal kull kaxxa ta' bajd ta' dud tal-ħarir użata;

Billi spejjeż magħmula mill-Istati Membri bħala riżultat ta' l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għandhom ikunu ffinanzjati mill-Komunità skond id-dispożizzjonijiet marbuta ma' l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni;

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Biex tkun imheġġa azzjoni b'negozju u organizzazzjonijiet kummerċjali bi sħab ħalli jiffaċilitaw l-aġġustament ta' provvista għall-ħteġijiet tas-suq, jistgħu jsiru miżuri Komunitarji biex itejbu l-kwalità fir-rigward ta' dud tal-ħarir li jaqgħu taħt is-subtitolu Nru 01.06 Ċ tat-Tariffa Komuni Doganali u fir-rigward ta' bajd ta' dud tal-ħarir li jaqgħu taħt is-subtitolu Nru 05.15 B tat-Tariffa Komuni Doganali.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, sakemm dawn jirrelataw għall-miri mniżżlin fl-Artikolu 39(1)(a) tat-Trattat, jistgħu jkunu applikati b'rabta ma' miżuri bi sħab fl-ambitu tat-tifsira ([2]) ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/702 tal-21 ta' April, 1970 dwar iffinanzjar tal-politika agrikola komuni.

Artikolu 2

1. B'effett mis-sena tat-trobbija 1972/73, tingħata għajnuna għal dud tal-ħarir imkabbar fil-Komunità. Għajnuna bħal din, li l-ammont tagħha jkun uniformi madwar il-Komunità, tkun iffissata kull sena sa l-1 ta' Awissu fir-rigward tas-sena tat-trobbija li tibda fis-sena kalendarja ta' wara. Madankollu, l-ammont ta' għajnuna li tingħata fir-rigward tas-sena tat-trobbija 1972/73 ikun iffissat sa l-1 ta' Ġunju, 1972.

2. L-għajnuna tieħu l-forma ta' ammont speċifiku għal kull kaxxa bajd ta' dud tal-ħarir użata u tkun iffissata f'livell li jgħin biex ikun żgurat dħul ġust għal min irabbi dud tal-ħarir, waqt li jingħata kas tas-sitwazzjoni tas-suq f'fosdqiet u ħarir mhux maħdum, ta' xejriet previsti fuq dak is-suq u tal-politika ta' importazzjoni.

([1]) ĠU L 151, tat-30.6.1968, p. 16.

([2]) ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

L-għajnuna tingħata lil min irabbi dud tal-ħarir għal kull kaxxa bajd ta' dud tal-ħarir użata, bil-kondizzjonili:

— l-kaxxi jkollhom kwantità minima ta' bajd, din il-kwantità msemmija tkun għad trid tiġi speċifikata, u

— d-dud ikunu trabbew b'suċċess.

3. L-ammont ta' għajnuna jkun iffissat bi qbil mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

4. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi bi qbil mal-proċedura ta' votazzjoni mniżżla fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

5. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkunu addottati bi qbil mal-proċedura mniżżla [1] fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1308/701 tad-29 ta' Ġunju, 1970 dwar l-organizzazzjooni komuni tas-suq fil-kittien u l-qanneb.

Artikolu 3

Is-sena għat-trobbija ta' dud tal-ħarir għandha tibda fl-1 ta' April ta' kull sena kalendarja u tispiċċa fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara.

Artikolu 4

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkomunikaw ma' xulxin il-partikolaritajiet meħtieġa biex jimplimentaw dan ir-Regolament. Il-partikolaritajiet li jkunu komunikati jkunu deċiżi bi qbil mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1308/70.

Regoli għall-komunikazzjoni u distribuzzjoni ta' partikolaritajiet bħal dawn ikunu addottati bi qbil ma' l-istess proċedura.

Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni japplikaw għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' April, 1972.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN

[1] ĠU L 146, ta' l-4.6.1970, p. 1.